16 ta' Diċembru, 1953.
Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.
Mammante Azzopardi et. *versus* Carmelo Micallef, A. & C.E., ne.

**Azzjoni Kollettiva — Ċitazzjoni Kollettiva — Nullità.**

*Giet diskussa fid-dottrina, u mhux dejjem ġiet riżoluta worta waħda fil-ġurisprudenza, il-kwistjoni jekk diversi persuni jistgħux jingħaqdu flimkien biex iġibu 'l-quddiem l-azzjoni rispettiva tagħhom b'ċitazzjoni waħda, u, jekk jistgħu, liema huma r-rekwiżiti meħtieġa biex dan il-konkretament ikun jista' jsir.*

*Tant id-dottrina kemm il-ġurisprudenza kważi kompletament jaqblu f'sens affermativ dwar l-ewwel parti tal-kwistjoni; imma qatt ma qablu, u għad ma qablux, rigward it-tieni parti ta' l-istess kwistjoni, jiġifieri dwar il-kondizzjonijiet ta' fatt meħtieġa biex tkun ammissibili ċitazzjoni kollettiva.*

*F'din is-sentenza l-Qorti rriteniet illi, fuq l-iskorta tat-tagħlim prevalenti tad-dottrina u l-ġurisprudenza in propożitu, għall-ammissibilità tal-ġudizzju kollettiv hu meħtieġ mhux biss illi l-kwistjoni li tkun trid tiġi riżoluta tkun identika għal kull wieħed mill-atturi, imma wkoll illi l-interess derivanti mit-titolu u l-oġġett tal-kawża jkun komuni; jiġifieri illi ċ-ċitazzjoni kollettiva hi ammissibili kull darba li diversi persuni, li jiffiguraw bħala atturi, jipproponu azzjoni biex jirriżolvu kwistjoni ta' dritt uniku u identiku, u jkun eskluż "a priori" illi mir-riżoluzzjoni ta' l-istess kwistjoni, f'sens jew ieħor, tista' tikkonkorri xi ċirkustanza ta' fatt speċjali għall-wieħed jew l-ieħor minn dawn il-persuni atturi.*

*Jekk ma jikkonkorrux dawn ir-rekwiżiti, u l-parti konvenuta topponi ruħha għall-proponibilità ta' l-azzjoni b'ġudizzju kollettiv, il-Qorti ma tistax tagħmel ħaġ'oħra ħlief tiddikjara dak il-ġudizzju improċedibili, bħala null.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, wara li ppremettew illi huma l-proprjetarji tal-għelieqi jmissu ma' xulxin ix-Xagħra, Għawdex, imsemmijin fid-dokument "A", u fuqhom hemm saħansitra razzett u kmamar abitati, barra benefikati agrikoli, lok ta' djar u ħitan; u illi l-Gvern, bla ma ħa l-awtorità tal-Land Arbitration Board skond l-Ordinanza XL ta' l-1935 (Kap. 136) biex jifforma t-triq, daħal bil-ħaddiema, iwaqqa'

l-bini u jaqta' l-ispazju tat-triq; talbu illi, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni opportuna, u wara li jiġu magħmula l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, (1) jiġi inibit lill-konvenuti li jagħmlu ebda xogħol fl-imsemmijin għelieqi tagħhom qabel ma jiġu għal dan l-iskop awtorizzati mill-Board fuq imsemmi, u qabel ma jiġi fissat, bil-mod li trid il-liġi, il-kumpens ossija indennità dovuta lilhom; (2) il-konvenuti, jew min minnhom, jiġu dikjarati responsabili tad-danni kaġunati lilhom bl-illegali impossessament li sar ta' l-imsemmija proprjetà tagħhom; (3) jiġu likwidati dawn id-danni, okkorrendo b'opera peritali, u l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jħallsu l-ammont hekk likwidat. Bl-imgħax u bl-ispejjeż tal-ġudizzju, inklużi dawk tal-mandat ta' l-inibizzjoni preżentat kontestwalment. Il-konvenuti ġew imħarrkin għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti:

Illi ġiet diskussa fid-dottrina, u mhux dejjem ġiet riżoluta xorta waħda fil-ġurisprudenza, il-kwistjoni jekk, bħal ma hu l-każ taħt eżami, diversi persuni jistgħux jingħaqdu flimkien biex iġibu l-quddiem l-azzjoni rispettiva tagħhom b'ċitazzjoni waħda, li f'każ bħal dan hi msejħa fid-dottrina "citazione collettiva"; u, jekk jistgħu, liema huma r-rekwiżiti meħtieġa biex dan il-konkretament ikun jista' jsir. Tant id-dottrina kemm il-ġurisprudenza kważi kompletament jaqblu f'sens affermativ rigward l-ewwel parti tal-kwistjoni; imma qatt ma qablu, u għad ma qablux, rigward it-tieni parti ta' l-istess kwistjoni, jiġifieri dwar il-kondizzjonijiet ta' fatt meħtieġa biex tkun ammissibili ċitazzjoni kollettiva;

Illi, skond il-ġuristi rumani, l-identità tal-kwistjoni ma setgħetx weħedha tilleġittima ġudizzju kollettiv, imma kien ikun hemm bżonn ukoll tal-konkors ta' l-interess komuni. Fiż-żmienijiet tagħna tant id-dottrina kemm il-ġurisprudenza huma fil-maġġuranza tagħhom ta' l-istess avviż, billi, għad li ma jeskludux assolutament il-ġudizzju kollettiv, isostnu illi l-istess mhuwiex ammissibili jekk mhux fil-konkors simultanju ta' l-identità tal-kwistjoni li tkun trid tiġi riżoluta u tal-

kommunanza ta' l-interess derivanti għall-atturi kollha mittitolu u l-oġġett ta' l-azzjoni; diversament il-konvenut ikun jista' jopponi ruħu għall-kumulu, u ċ-ċitazzjoni tiġi allura dikjarata improċedibili bħala nulla (Dig. Ital., voce Citazione, Vol. VII, Parte II, para. 20-26);

F'dan is-sens hi wkoll il-maġġuranza tal-ġurisprudenza taljana, li tafferma l-prinċipju li diversi persuni jistgħu jippropponu d-domanda tagħhom kollettivament u b'att wieħed ta' ċitazzjoni, imma jekk ikollhom interess identiku (Coen, Repertorio Generale di Giurisprudenza, voce Citazioni Collettive, n. 848-851, 853-854, 857, 860, 863-865, 867, 872, 881, 882, 891, 896, 898). Il-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Napli, fit-8 ta' Jannar 1898, in re Ferrovie dell'Adriatico-Nardazza, li kienet kawża ta' esproprjazzjoni għal raġuni ta' utilità publika, irriteniet illi "più persone possono proporre un'azione cumulativamente con unico atto di citazione, quando i loro diritti mettono capo ad un fatto unico e dipendono dallo stesso titolo (Coen, ib. n. 871). U qrati oħra esprimew din il-kondizzjoni b'mod aktar ċar. Hekk, fost oħrajn, il-Qorti ta' Milan, fis-7 ta' Mejju 1888, in re Brigola-Minozzi :— "La citazione collettiva è ammissibile soltanto allora che sia unica ed identica la quistione di diritto proposta da più attori; che sia esclusa qualsiasi circostanza di fatto separata, distinta, e particolare ad alcuno degli attori, la quale possa indurre a diversa decisione; che gli interessi degli attori, sebbene diversi e distinti, si unifichino nella contestazione in modo da condurre a comunanza di eccezioni e di difesa, ed alla soluzione di una sola ed identica quistione, per modo che, distinguendo la controversia in tanti giudizi quanti sono gli attori, verrebbesi ad una vera duplicazone senza scopo veruno";

Il-Qorti ta' Casale, fil-31 ta' Ottubru 1881, in re Cantone-Carnevale :— "Perchè più persone possano proporre in giudizio le azioni con un solo atto di citazione, è necessario che fra le stesse esista un rapporto di diritto da farlo valere nell'interesse comune contro il convenuto. Per la esistenza di tale rapporto di diritto si richiede una vera comunanza di interessi; esso non si verifica per il solo fatto dell'identità della quistione e dell'uguaglianza d'interesse";

Il-Qorti ta' Genova, fil-5 ta' April 1892, in re Storace-Firpo :— "E' ammissibile la citazione collettiva solo in quanto le domande dei co-attori abbiano origine dallo stesso titolo e rappresentino l'identico interesse, per modo che la quistione si presenti uguale per tutte le parti in causa e possa risolversi coi medesimi mezzi istruttori";

Il-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Torino, fit-18 ta' Novembru 1897, in re Consorzio Dugali Cremonesi-Guarnieri :— "Più attori possono colla stessa citazione proporre collettivamente nello stesso giudizio le loro domande, purchè queste siano tutte fondate sul medesimo titolo, od esista fra gli attori un vincolo di unione che giustifichi il loro consorzio derivante da un interesse comune da far valere, per modo che sia identica rispetto a tutti la quistione da risolversi, e possa essere decisa cogli stessi mezzi istruttori";

Illi mbagħad hi, kif minn dejjem kienet, opinjoni konkordi li l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilità tal-ġudizzju kollettiv mhijiex sollevabili mill-Qorti "ex officio", imma biss mill-parti konvenuta, billi f'każ bħal dan mhux l-interess publiku, imma l-interess privat biss, jiġi kompromess; b'mod illi, jekk il-konvenut ma jitkellem xejn u jiddefendi ruħu fil-meritu, il-ġudizzju għandu jitkompla; imma jekk, għall-kuntrarju, il-konvenut jopponi ruħu għall-kumulu tal-ġudizzju, u ma jikkuntentax illi, almenu, id-domandi jiġu diżġunti, iċ-ċitazzjoni fuq talba tiegħu għandha tiġi dikjarata improċedibili (Dig. Ital., ib. para. 22; Coen, ib. n. 852, 862);

Illi, fis-sens ta' dawn il-prinċipji, is-sentenza ċitata mill-atturi, mogħtija minn dina l-Qorti fl-20 ta' Ġunju 1881, in re "Vassallo vs. Chapelle", u li biha ġie ritenut illi "nessuna legge vieta che più persone possano proporre le loro domande con unica citazione, tanto se abbiano le stesse cause o titoli, quanto se li abbiano diversi" (Kollez. Vol. IX, 462), ma tidherx illi tista' sservi ta' bażi għat-teżi ta' l-atturi. Tabilħaqq, apparti illi f'dik il-kawża l-kwistjoni kienet ġiet sollevata mill-Qorti "ex officio", il-konvenuti ma kienux opponew ruħhom għall-ġudizzju kollettiv istitwit kontra tagħhom mill-atturi, u għalhekk il-Qorti ma setgħetx tiddikjara li dik iċ-ċitazzjoni, bħala kollettiva, kienet improċedibili, u illi kie-

net, bħala konsegwenza, nulla;

Illi dina l-Qorti, fuq l-iskorta tat-tagħlim prevalenti tad-dottrina u l-ġurisprudenza in propożitu, il-fuq ġà msemmija, hi tal-fehma li għall-ammissibilità tal-ġudizzju kollettiv huwa meħtieġ mhux biss illi l-kwistjoni li tkun trid tiġi riżoluta tkun identika għal kull wieħed mill-atturi, imma wkoll illi l-interess derivanti mit-titolu u l-oġġett tal-kawża jkun komuni; jiġifieri illi ċ-ċitazzjoni kollettiva hi ammissibili kull darba li diversi persuni, li jiffiguraw bħala atturi, jipproponu sabiex jirriżolvu kwistjoni ta' dritt uniku u identiku, u jkun eskluż "a priori" illi mir-riżoluzzjoni ta' l-istess kwistjoni, f'sens jew ieħor, tista' tikkonkorri xi ċirkustanza ta' fatt speċjali għall-wieħed jew l-ieħor minn dawk il-persuni atturi. U trid issir dik l-esklużjoni "a priori", għaliex ma jistax jiġi ammess ġudizzju kollettiv preventiv, li fih jiġi deċiż jekk hemmx jew le dik iċ-ċirkustanza speċjali li tista' tinfluwixxi fuq ir-riżoluzzjoni tal-kwistjoni ta' dritt (Dig. Ital. ib. para. 26). Jekk ma jikkonkorrux dawn ir-rekwiżiti, u l-parti konvenuta topponi ruħha għall-proponibilità ta' l-azzjoni b'ġudizzju kollettiv, il-Qorti ma tistax tagħmel ħaġ'oħra ħlief tiddikjara dak il-ġudizzju improċedibili, bħala null;

Illi f'dana s-sens l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti tidher illi għandha tiġi milqugħa. Għad illi sa ċertu pont il-kwistjoni ta' dritt li trid tiġi riżoluta f'din il-kawża hija unika u identika għal kull wieħed mill-atturi, dik jiġifieri jekk il-Gvern segwiex skond il-liġi l-proċeduri biex jesproprija l-immobili proprjetà tagħhom, hu żgur illi ma hemmx fl-atturi kollha l-identità u l-komunanza ta' l-interess derivanti mit-titolu u l-oġġett ta' l-azzjoni proposta, fis-sens li f'dan il-każ mir-riżoluzzjoni tal-kwistjoni ta' dritt tista' tikkonkorri ċirkustanza ta' fatt speċjali, jekk mhux għal kollha, għal x'uħud, almenu, mill-atturi. Tabilħaqq, mill-istess ċitazzjoni, mid-dokument miġjub magħha, u mill-atti tar-rikors fl-istess ismijiet li għalih il-partijiet għamlu riferenza, u li ġie iss'issa dekretat, jirriżulta illi l-atturi ma jippossjedux art waħda in komun, imma kważi lkoll jippossjedu għelieqi separati u distinti, u benefikati agrikoli, mhux biss, imma x'uħud mill-atturi jippossjedu mal-għelieqi, jew għalihom, irziezet, kmamar

abitati, u lok ta' djar. Għalhekk, l-interess derivanti mit-titolu u l-oġġett tal-kawża mhuwiex komuni għal kull wieħed mill-atturi, u hekk jista' jkun hemm ċirkustanzi ta' fatt speċjali rilevanti għad-deċiżjoni rigward kull waħda mid-domandi dedotti fiċ-ċitazzjoni u fil-konfront ta' kull wieħed mill-atturi, speċjalment għal dawk minnhom li jippossjedu l-kmamar abitati u l-lok ta' djar, billi fir-rigward tagħhom, u meta hu l-każ skond l-Ordinanza XL ta' l-1935, kif emendata bl-Ordinanza XLV ta' l-1946, qabel ma huma jagħtu l-pussess tal-proprjetà tagħhom wara li jiġu mġegħlin jagħmlu hekk, dawn għandhom il-jedd li jiġi lilhom, jew lil min jiddetjeni dawk il-fondi, offert fond ieħor band'oħra, fejn raġjonevolment ikunu jistgħu jmorru joqgħodu — liema ċirkustanza ma tikkonkorrix u ma tapplikax għal dawk l-oħra mill-atturi li jippossjedu għelieqi biss, billi l-interess ta' dawn hu divers minn tagħhom. Kollox jiddependi minn provi ta' fatt li mhumiex l-istess għal kull wieħed mill-atturi. Il-konvenuti bl-eċċezzjoni tagħhom jopponu ruħhom għall-azzjoni kif proposta mill-atturi;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti, billi tiddikjara illi l-azzjoni ta' l-atturi mhix ammissibili, u illi bħala tali hi nulla; bl-ispejjeż kontra l-atturi.

---

**Tmiem tat-Tieni Parti**
**tal-Volum XXXVII.**

---